**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 46**

**L-Erbgħa 24 t'Awwissu 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk. Malta.
☎:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| **46.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 46.1.1 | Xejn |
| **46.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 46.2.1 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korreti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 43 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 46.2.2 | Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti, il-minuti tas-seduta b'urġenza numru 45 u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| **46.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 46.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-21 ta` Lulju 2022 is-Sindku kellu laqgħa ma rapreżentanti tat-Transport Malta fejn ġie diskuss il-problema tal-fregatini tat-turisti. Is-Sindku ippreżenta il-proposti li jew issir Venda jew 2/3 postijiet fejn joperaw, perotali proposti ma ġewx milqugħa. l-sindku sostna li ma riedx li jibqgħu bit-tabelli. Ġie diskuss li għalissa jibqa kollox kif inhu u fix xitwa jippreparaw għas-sajf li ġej. |
| 46.3.2 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-25 ta` Lulju 2022 is-Sindku kellu laqgħa ma rappreżentanti mill-Ministeru tat-Turiżmu , fejn ġie diskuss il-Masterplan ta`max-xatt fejn il-ser jitolbu direzzjoni mill-O P M. Sal lum għada ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni. |
| 46.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-4 t`Awwissu 2022 is-Sindku kellu laqgħa ma rapreżentanti tal-MAFA fejn ġie diskussa l-Fishfest. Ġie propost li filgħodu jarma il-monti, u li fis-14:00h jżarma, isir tindif u wara jidħlu jarmaw tal-Fish Fest.<br><br>Programm jibda fil-17:00h fejn jingħalaq ix-xatt, jiġi żona pedestrijana u jibdew l-attijvitajiet. Siġġijiet u mwejjed ser jinħarġu fit-triq u jinħareġ permess.<br><br>**Fish Fest**<br>Taqbel mal-programm tal-Fish Fest 2022 kif ġie spjegat mis-Sindku waqt il-Laqgħa?<br><br>\| \| **IVA** \| **LE** \|<br>\| Stven Grech \| **X** \| \|<br>\| Elenia Desira \| **X** \| \|<br>\| Stephen Caruana \| **X** \| \|<br>\| Daniel Zerafa \| **X** \| \|<br><br>Sar qbil unanimu favur il-programm tal-Fish Fest. |
| 46.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera presenti li fid-9 t`Awwissu 2022 is-Sindku kellu laqgħa mar-rapprezentanti tal-MAFA fejn marru fuq il-post fejn ser issir il-Fishfest |

<table>
<tr><td>46.3.6</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-18 t`Awwissu 2022 is-Sindku kellu laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr.Owen Bonnici fej ġie diskuss ir-restawr tat-Torri Vendome u wara r-restawr dan jiġi mgħoddi il-Kunsill Lokali.</td></tr>
<tr><td>46.3.7</td><td><u>L-Isqaq tal-Junkies</u> - Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti dwar l-isqaq tal-junkie, fejn infurmom li jeħtieġ issir manutenzjoni għax jinsab fi stat ħażin. Sar qbil unanimu bejn dawk preżenti sabiex dan l-isqaq jiġi irranġat.</td></tr>
<tr><td>46.3.8</td><td><u>Karrijiet f'Port Ruman</u> - Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li rigward dawn il-karrijiet ġew mneħħija u li għad fadal biss xi tnejn. Qal ukoll li wara tant żmien il-Puluzija ħarġu ċitazzjoni fuq dagħjsa li kien hemm. B'hekk inħoloq preċedent. L-area tal-parking fejn Port Ruman saret xi żebgħa safra. Is-Sindku kompla jispjega dwar il-parkeġġi u sinjal isfar li ma jinqabisx. Is-sinjorina Elenia proponiet jew riallokazzjoni tal-karrijiet jew jibqa kollox kif inhu u parkeġġ ma jiżdietx mat triq. Is-sindku staqsa jekk jaqblux mal proposta tiegħu. Għall dan ittieħed vot<br><br>Triq il-Barrakki – Taqblu li jsiru sinjali tal-parkeġġ mal-ġenb u temporanjament issir żona ta' parking għall-karrijiet tas- sajjieda lokali.<br><br>
<table>
<tr><td></td><td><u>IVA</u></td><td><u>LE</u></td></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td></td><td>X</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td></tr>
</table>
<br>Sar qbil 3 voti favur u wieħed kontra.</td></tr>
<tr><td>46.3.9</td><td><u>Skema SPI.SCI.08.2022. Fianzjament tal-Milied 2022</u> - Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakkar li dwar din l-iskema kienet ittieħdet id-deċizjoni li ma napplikawx. Wara diskussjoni mill-ġdid dwar din l-iskema, l-Kunsill qaleb id-deċiżjoni preċedenti u qabel li ser jieħu sehem u japplika għal din l-iskema fejn il-Kunsill lest li jiffinanzja persentaġġ mill-ispejjez skond l-ammont li jigi approvat mid-Dipartiment.<br><br>Daniel Zerafa informa li għamel kuntatt ma persuna sabiex jippreparaw programm għall attività ta' ġurnata, fit-18 ta' Diċembru 2022. Il-ħin ikun bejn l-10:00h u 14:00hu wara waqfa jerġa jibda fil-17:00h. Il-programm jinkludi: Filgħodu parata mill-Għaqda Mużikali Madonna ta' Pompei, Stage għall-mużika, Stands varji addatati mal-Milied u filgħaxija jsiru arranġamenti sabiex jinġiebu ir-rigali li jitqassmu b'servizz ta' Father Christmas. Ser isiru arranġamenti għall dawk bi bzonnijiet speċjali. L-attività tissemha A Christmas Carol. Programm idettaljat ser jigi mfassal u ppreżentat. Ittieħed vot dwar Skema SPI.SCI.08.2022. Finanzjament tal-Milied 2022. Taqbel li napplikaw kif propost?<br><br>
<table>
<tr><td></td><td>IVA</td><td>LE</td></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td></tr>
</table>
<br>Sar qbil unanimu favur l-applikazzjoni għal din l-attività.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **46.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsillier** |
| 46.4.1 | Mistoqsjiet ġew diskussi ma kull item. |
| **46.5** | **Accountant ġdid tal-Kunsill** |
| 46.5.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv introduċa lill-accountant il-ġdid Karl Cutajar. Is-Sur Cutajar spjega l-Audit u xi aġġustamenti li saru. Is-Sur Cutajar talab jekk jaqblux ma din l-informazzjoni u aġġustament. Is-Sindku wera id-diżappunt fid-dewmien tal-awditjar fejn għal dan id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li wara li kien talab kjarifika mad-Dipartiment u Direttur permezz ta' email, l-awditur ġenerali staqsa għaliex ma ġewx risposti domandi mistoqsija. Żied jgħid li dawn kienu mgħarfa li l-Kunsill kien għaddej minn transazzjoni tal-bidla tal-*accountant* u li ma kienitx facli. Sar qbil ma dan l-aġġustament tal-*audit* u ser jiġi iffirmati d-dokumenti fil-ġimgħa li ġejja minħabba xkiel mhux previst. |
| **46.6** | **Quarterly report -** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjega li preċedentement dan ir-rapport kien jiġi spjegat minnu jew mill-Konsulent tal-Kunsill peress li l-Accountant preċedenti kienet tirrifjuta li tattendi l-laqgha tal-kunsill wara li giet mistoqsija kemm il-darba permezz tat-telefone. Is-Sur Cutajar spjega 2nd Quarterly accounts magħmul minn Doreen Mintoff. Rapport pozittiv għal Kunsill. Dan id-dokument gie approvat unanimament mill-Kunsill. |
| **46.7** | **Handover -** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-*accountant* preċedenti għal xi raġuni mhux magħrufa qed tagħmila diffiċli li tgħaddi l-informazzjoni mitluba lil *accountant* il-ġdid. Waqt il-*handover meeting* kienet xotta fir-risposti li staqsejniha li kellhom jidħlu żewġ impjegati tal-kunsill biex nispjegaw is-sistema li kienet qed tintuza lil *accountant* il-gdid. Żied jgħid li saħansitra kellna problema t'aċċess fis-sistema tal-pagi u li kellu jikkunatatja il-kumpanija sabiex isir reset tal-passwords, dan wara li wera fiduċja billi ingħatat l-*administration rights* tas-*software* meta nxtara. Huwa qal li filwaqt li jixtieq jevita kunflitti, jekk jiġu darhom mal ħajt fil futur jirrizerva li jieħu azzjoni ulterjuri. |
| **46.8** | **Nominazzjonijiet Jum Marsaxlokk.** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li hemm żewġ nominazzjonijiet tas-sur Joseph Gravina u s-Sinjura Marica Pulis. Is-Sinjura Gravina li kienet preżenti ġiet infurmata li id-deċizjoni dwar jekk tiġix aċċetata l-applikazzjoni tittieħed mis-sotto kumitat.Il-Kunsill issospenda l-laqgħa u giet diskussa din il-materja fil-magħluq. Ġie deċiz li l-lista hekk hawn isfel tkun il-lista finali u maqbula:<br><br>Ġieħ Marsaxlokk 2020 – Horace Gauci – Qasam Gvern Lokali<br>Ġieħ Marsaxlokk 2021 – Dr. Ethel Vento Zahra – Qasam tas-Saħħa<br>Ġieħ Marsaxlokk 2022 – Marica Pulis – Ħidma Soċjali<br><br>*Rikonoxximenti oħrajn:*<br>Thomas Buttiġieġ – Qasam Sportiv<br>Catriel Bajada – Qasam Sportiv<br>Ronald Meachen – Qasam Sportiv<br>Gianluca Aquilina – Qasam Sportiv mgħotti mis-Sindku<br>Dr. Janice Chetcuti – Qasam Gvern Lokali |

<table>
<tr><td></td><td>Vot : Taqbel mal-lista kif proposta hawn fuq.<br><br><table><tr><td></td><td>IVA</td><td>LE</td></tr><tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td></tr><tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td></tr><tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td></tr><tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td></tr></table><br>Sar qbil unnannimu fost dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>46.9</td><td>SPI.SCI.09.2022. Finanzjament ta’ Proġett Kapitali- Komunitajiet isbaħ u aktar b’saħħithom. Il-Kunsill iddecieda li japplika ghall finanzjament min din l-iskema. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill ikun irid johroġ persentaġġ mill-ispejjeż skond kemm jiġu approvati finanzi min din l-iskema.<br><br>Is-Sindku informa li qed jipproponu li fi Triq il-Labour jitranġa il-Ġnien eżistenti, isir embelishment u ġibjun kif ukoll isir Dog Park. Jiġu nstallati dog bins u apparat ieħor reletatt mal-annimali.<br><br>Ser isiru d-dokumenti kollha necessarju u jintbgħatu mal-applikazzjoni. Sar qbil unanimu bejn dawk preżenti dwar li napplikaw għal din l-skema.</td></tr>
<tr><td>46.10</td><td>Is-Sindku informa li qed ikun hemm ħafna ħmieg max xatt u qed jimtlew żewġ skips fil-ġimgħa sabiex isir it-tindif. Din tiġi spiża addizzjonali għall-Kunsill li l-Kunsill qed ikollu joħroġ mill-fondi tal-Kunsill.</td></tr>
<tr><td>46.11</td><td>Progett ta Studju Fondi EUCF – WindFarms - Is-Sindku informa lil dawk preżenti li ser isir xi studju dwar windfarms. Kien hemm qbil unNanimu dwar parteċipazzjoni flimkien ma Kunsilli oħrajn f’dan l-istudju.</td></tr>
<tr><td>46.12</td><td>Is-Sindku informa li qed ikun hemm il-ħmieġ wara il monti tal-Ħadd. Huwa għamel kuntatt mas-Sur Ramon Deguara tal-Cleansing sabiex tinstab soluzzjoni. Il-Bejjiegħa tal-ħut qalu li ser jagħmlu kumitat biex jaraw kif ser jarmu l-iskart kif ukoll kif ser jaħslu wara il-Monti. Is-Sindku qal li qed jistenna li jersaq rappreżentant ta’ dan il-Kumitat sabiex jiltaqa mas-Sur Deguara, sabiex jiddiskutu u jaraw kemm ser ikunu l-ispejjeż. Sar qbil dwar dan.</td></tr>
<tr><td>46.13</td><td>Ismijiet ta’ Toroq - Is-Sindku informa li jeħtieġ tittieħed deċiżjoni dwar il-lista tal-ismijiet ta toroq. Ser tintbgħat email bil-lista, fejn wara ġimgħa trid tingħata risposta jekk jaqblux.</td></tr>
<tr><td>44.14</td><td>Kunsiderazzjoni U approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti</td></tr>
<tr><td>44.14.1</td><td>Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda. Ġiet approvata.</td></tr>
<tr><td>44.13</td><td>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</td></tr>
<tr><td>44.13.1</td><td>Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19.15h, wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta’ Settembru, fl-16.30h.</td></tr>
</table>

Konfermati, illum 22 t'Settembru 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| _________________________ | _________________________ |
| **Steven Grech** | **Carmel Attard** |
| *Sindku* | *Deputat Segretarju Eżekuttiv* |